**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

**SEDUTA TA' NHAR il-11 T'AWWISSU, 2016**

**Rikors nru: 154/2016 CFF**

**JOSEPH ATTARD**
**vs**
**ROBERTA CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Roberta Cutajar li ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta esponiet:

"Illi permezz tal-ittra ufficjali surreferita l-intimat Joseph Attard qieghed jittenta jrendi ezegwibbli kambjala fl-ammont ta' hmistax-il Elf Ewro (€15,000) u dan allegatament dovuti bhala self brevi manu;

Illi l-esponenti topponi firmament ghall-ezekuzzjoni mitluba u dan ghal numru ta' ragunijiet serji u gravi;

Illi l-ewwel u qabel kollox, l-allegazzjonijiet illi l-ammont ta' €15,000 jirrapprezenta self brevi manu hija wahda kompletament skorretta u inveritiera stante li qatt ma kien hemm ebda self mill-intimat lill-esponenti. Ghall-kuntrarju, il-kambjala *de quo* kienet

giet emessa bhala garanzija tal-obbligi tal-esponenti bhala inkwilina fuq kuntratt ta' kera ta' restaurant bl-isem *Gunas by Miss Roberta*, fil-Marsa;

Illi fit-tieni lok, l-esponenti tirrileva illi fl-ebda punt hija ma kienet debitrici fl-ammont ta' €15,000 u dan l-intimat jafu ben tajjeb. Illi inoltre, il-partijiet kienu itterminaw il-kuntratt ta' kera ta' bejniethom, u l-esponenti kienet dejjem taht l-impressjoni illi l-kambjala kienet giet ikkancellata peress illi kwalsiasi obbligu taghha kien gie estint. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti sejra titlob li titressaq il-kambjala originali kif vantata mill-intimat;

Illi sussegwentement ghat-terminazzjoni tal-kera, il-partijiet kienu qeghdin fi stadju li jiddiskutu il-valur tal-oggetti li thallew fil-fond mikri mill-esponenti u allura x'valur trid tithallas taghhom l-esponenti. Meta l-partijiet ma qablux fuq il-valur, l-intimat irritalja b'din il-procedura!

Illi hija ghalhekk alkwantu inveritiera u qarrieqa l-allegazzjoni tal-intimat, kontenuta fl-ittra ufficjali impunjata, illi l-ammont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) "ghadu totalment dovut";

Illi l-intimat konvenjentement jonqos milli b'xi mod jindika l-ezistenza tal-kuntratt ta' kera u minflok jipprova jpingi r-relazzjoni bhala wahda ta' self meta jaf ben tajjeb li ma huwiex il-kaz.

Illi daqstant iehor hija skorretta l-asserzjoni kontenuta fl-ittra ufficjali de quo li jezistu kambjali ohra li ghadhom ma skadewx.

Illi huwa palezi li l-ittra ufficjali *de quo* hija kaz klassiku ta' abbuz ta' procedura u dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tittollera tali abbuz;

Illi huwa risaput illi f'kaz fejn il-kambjala tibqa' fil-pussess tal-partijiet originali, ossija ma tkunx giet iggirata, kwalsiasi azzjoni jew procedura in relazzjoni mal-istess kambjala trid issir fid-dawl tan-negozju li jkun ta lok ghall-emissjoni ta' dik il-kambjala;

Illi kif gie korrettement enuncjat fid-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-13 ta' Frar 2015 *fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-numru 3600/14 datata 12 ta' Novembru 2015 fl-ismijiet Dino Fino (223679M) vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174):*

*"skont il-gurisprudenza prevalenti tal-Qrati taghna, sabiex kambjala takkwista natura awtonoma u hajja indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghalija, din trid tkun giet girata favur terzi akkwirenti: "Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-krendituri tal-obbligazzjoni (cjoe' ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni; meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.*

*L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista' jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero', fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghall-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghal dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero', il-kambjala m'ghandux ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghal kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-ftehim li wassalt ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs. Vella", Qorti tal-kummerc, 18 ta' Marzu, 1965").*

*Ghalhekk il-kambjali in kwistjoni f'dan il-kaz ma akkwistawx natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjali, peress li dawn ma gewx girati favur terzi u baqghu ghand il-kreditur tal-obbligazzjoni".*

Isegwi ghalhekk illi f'dan il-kaz, peress li l-kambjala *de quo* ma gietx girata favur terzi, dina ma akkwistatx natura indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala u per konsegwenza dina l-Onorabbli Qorti hija tenuta li tistharreg il-fatti kollha li taw lok ghall-istess kambjala.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u kif ukoll fid-dawl tal-provi li sejrin jitressqu quddiem dina l-Onorabbli Qorti, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja, joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala *de quo* u dan b'riserva cara ghad-drittijiet kollha tal-esponenti skond il-ligi."

Illi l-intimat Joseph Attard gie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar is-16 ta' Lulju 2016 (fol. 7) u baqa' inadempjenti u ma prezenta l-ebda risposta.

Illi nhar it-28 ta' Lulju 2016 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet. L-avukat difensur ta' l-intimat iddikjarat li l-intimat m'huwiex qieghed jinsisti fuq l-ezegwibbilita' tal-kambjala in kwistjoni u ghalhekk irtira l-kontenut fl-atti ta' l-ittra ufficcjali numru 1462/2016 ipprezentata nhar it-8 ta' Gunju 2016. Ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghal-lum biex tinghata sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi jidher car mid-dikjarazzjoni li saret mill-intimat permezz ta' l-avukat difensur tieghu li huwa m'ghadx baqghalu interess fil-kontenut ta' l-ittra li pprezenta ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 8 ta' Gunju 2016 numru 1462/2016, oltre ghall-fatt li ma gietx ipprezentata risposta mill-intimat fit-terminu ordnat minn din il-Qorti. In vista ta' dan, it-talba tar-rikorrenti jisthoqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' it-talba tar- rikorrenti u ghalhekk qed tigi ordnata s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjala msemmija fl-ittra ufficcjali numru 1462/2016.

L-ispejjez huma a karigu ta' l-intimat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**